

1732

# MANOEL THEATRE

Mill-Qosma Maltija 6.4.72

386



# At the GRAND HOTEL VERDALA

The Four Seasons Restaurant offers a unique 'La Chaine de Rotisseurs' menu lunch served on the terrace of the fifth floor, from where one can enjoy the heady, breathtaking atmosphere. Dinner-Dance nightly to the tunes of the Oscar Lucas Band and resident singer Mary Spiteri.

**For reservations tel: 74901**

*Four Seasons*
RESTAURANT

GRAND HOTEL VERDALA RABAT

# Parfums Rochas

*presents*

**for him...**




**Moustache**




IL KUMITAT TAT-TEATRU MANOEL

*jipprezenta*

# "MILL-OQSMA MALTIJA"

KUNCERT ORKESTRALI, VOKALI U LETTERARJU

*fit-*

## TEATRU MANOEL

***Il-ĦAMIS 6 ta' APRIL 1972***

# PROGRAMM

**LAPSI** — C. PACE (1906- )

Kliem imsejjes fuq vrus meħuda mill-għana Malti. Aktar minn kull ħaġ'oħra wieħed jitgħaxxaq jisma' f'dan ix-xogħol l-iħna differenti fl-element tal-kor kif jitwaħħdu wieħed ma' l-ieħor.

**IL-BALLATA TA' L-GĦARUSA TAL-MOSTA** — ANTON BUTTIGIEG (1912- )

**IS-SEJĦA** — Versi ta' RUŻAR BRIFFA — C. PACE (1906- )

Din hija l-ewwel darba li dan ix-xogħol ser jinstema' f'Malta wara li ġie mmużikat minn Carmelo Pace. "Is-Sejħa" hija meqjusa bħala waħda mill-poeżiji patrijottiċi ta' Rużar Briffa.

**I N T E R V A L L**

**DANZA SPAGNUOLA** — C. DIACONO (1876-1942)

Il-kompożitur Malti Carlo Diacono twieled iż-Żejtun, fl-1876. Wieħed mill-aqwa u tassew maħbuba kompożituri Maltin, beda l-karriera tiegħu taħt is-Surmast Paolino Vassallo, kompożitur Malti ieħor ta' fama kbira. Wara li spiċċa l-istudji tiegħu, Carlo Diacono beda karriera mużikali attiva u ta' ġieħ kbir għalih u għal pajjiżu, u baqa' jaħdem sa ma miet fl-età ta' 66 sena. Ikkompona żewġ opri, tliet oratorji, operetta, 21 kantata, 7 sinfoniji u diversi overtures, minbarra numru kbir ta' innijiet u kompożizzjonijiet reliġjużi. Licinio Refice kien jikkunsidra lil Diacono bħala "lussu" għal Malta u Lorenzo Perosi sab fil-mużika ta' Diacono paċi u konsolazzjoni matul il-ħajja mqallba tiegħu.

**KUNĊERT GĦALL-KLARINETT U ORKESTRA DA CAMERA** — C. PACE (1906- )

Dan il-kunċert inkiteb apposta u ġie ddedikat lis-solista Freddie Mizzi. Jikkonsisti fi tliet movimenti fis-sekwenza li ġejja:
Daħla u allegro moderato — Pastorali bi tliet varjazzjonijiet — Rondò burlesque.

SOLISTA — **FREDDIE MIZZI.**

**TALBA GĦAL MALTA** — C. PACE (1906- )

Versi ta' ANTON BUTTIGIEG

F'dan ix-xogħol ġdid, il-poeta joffri 'l Alla t-talba tiegħu u jitolbu biex iħares lil pajjiżu u jseddqu fis-sliem u l-paċi. Ta' *min isemmi li* dan ix-xogħol ġie mnebbaħ minn żjara li għamel il-poeta dan l-aħħar f'waħda mill-bosta kappelli żgħar fil-kampanja.

**"O MEMORIE SUBLIMI"**

(MILL-OPRA "I CAVALIERI DI MALTA") — A. NANI (1842-1929)

Librett ta' ENRICO GOLISCIANI

Din l-opra kienet intwerjet għall-ewwel darba fit-Teatru Rjal fis-sena 1879. Dak in-nhar kienet ġiet diretta mill-kompożitur innifsu. L-aħħar darba li saret kien fit-Teatru Manoel fl-1926.

**IL-BARRI "KANTATA SEKULARI"** — J. VELLA (1942- )

Din il-kantata hi bbażata fuq poeżija tal-Poeta Għawdxi George Pisani. Il-poeta jimmaġina l-barri fi stat kważi umanizzat waqt li qegħdin joħduh għall-qatla. F'din l-ewwel parti l-barri narawh b'nifsu maqtugħ jagħmel ħiltu kollha biex jaħrab, iżda x'ħin jara li dan ma jistax jagħmlu, jgħajjat għajta kbira li twerwer lil kulħadd. Fit-tieni xena l-barri mifni jorqod u joħlom b'għelieqi jħaddru taħt sema safi. L-egħluq imbagħad jurina l-barri wiċċ imb'wiċċ mal-biċċier, b'ħarsa f'għajnejh li biha donnu jrid igħidlu: "L-għala, l-għala, dan!"

**I N N U  M A L T I**

Il-Kor "ĠESU' NAZZARENU" hu mmexxi minn PATRI SALV GALEA, O.P.

DIRETTUR TA' L-ORKESTRA — **Maestro JOSEPH SAMMUT.**

## *IL-BALLATA TA' L-GĦARUSA TAL-MOSTA*

**Jieħdu sehem:**

**Qarrejja** ANTON BUTTIGIEG
KARMEN AZZOPARDI

**Għannejja** ALBERT ANASTASI
u MARIKA BUGEJA

**Kwartett** VIVIENNE CAUCHI
CATHERINE AZZOPARDI
JOE HUBER
LINO ATTARD

**Immexxi minn** ANTOINETTE MIGGIANI

Comperes: CHARLES ARRIGO, JOAN AZZOPARDI, JOSEPHINE ZAMMIT CORDINA

**Tiżjin ta' fjuri**: LILIAN AVELLINO

**Producer**: CHARLES ABELA MIZZI

---

## *KUMITAT TAT-TEATRU MANOEL*

Is-Sur GINO MUSCAT AZZOPARDI — **President Onorarju.**

Is-Sur A. AGIUS FERRANTE, L.P. — **Chairman.**

In-Nutar Dr. V.M. PELLEGRINI, LL.D. — **Viċi Chairman.**

Is-Sinjorina MARIE LOURDES BONNICI, L.R.S.M., L.Mus.L.C.M., F.L.C.M. — **Teżoriera Onorarja.**

Is-Sur JOSEPH GRIMA — **Segretarju Onorarju.**

Is-Sinjura MYRIAM ENGLAND SANT FOURNIER — **Membru.**

Is-Sur MICHAEL KISSAUN — **Manager.**

---

Min jiġi tard ma jitħalliex jidħol fil-platea.

It-tipjip huwa pprojbit fil-platea, fil-palki u fil-gallarija.

Il-Kumitat jirriserva d-dritt li jvarja jew ineħħi kwalunkwe parti mill-programm mingħajr notifikazzjoni minn qabel.

Il-pubbliku huwa mfakkar li ma jistax jieħu ritratti waqt ix-"Show".

It-tfal, anke meta jkunu akkompanjati mill-ġenituri, għandhom jokkupaw post.




## *MANOEL THEATRE BOOKING PLAN*

Late comers will not be admitted to the Auditorium.

*Smoking is not permitted in the Auditorium, in Boxes and in the Gallery.*

The Management reserve to themselves the right to vary or omit any part of the programme without previous notice.

*Patrons are reminded that taking of photographs during the performance is not allowed.*

Children, even when accompanied by their parents, will be required to occupy a seat.

## we'll entertain you in style



# at palazzo pescatore

First we'll welcome you to our 19th century palazzo which we've transformed into an airconditioned restaurant of comfortable splendour. We'll show you the bar where you can drink in informal elegance. We'll give you our extensive menu and we hope you will try our seafood. And when your fish is perfectly cooked and your wine is served, we'll retire to a discreet distance to watch your gourmet's smile.

Then brandy; liqueurs; cigar; coffee? Perhaps your partner would like to dance, or will you watch the cabaret first?

We can promise you both a mellow evenings delight

Full à la carte menu available — lunches also served.

**Palazzo Pescatore** St Paul's Bay Malta

Reservations 73182